

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar L-istat tad-dritt fl-UE minn perspettiva lokali u reġjonali

(2017/C 272/02)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 bit-titolu "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt" (COM(2014) 158), il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-UE u tal-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt;
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2015 dwar "L-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ħarsien f'diversi livelli tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-UE";
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5 tat-TUE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà;
1. huwa mħasseb dwar il-fatt li numru ta' żviluppi f'dawn l-aħħar snin, kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll fid-dinja kollha, qed jikkontestaw l-istat tad-dritt, pilastru fundamentali tad-demokrazija;
 2. jindika li l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq sett komuni ta' valuri fundamentali, li jinkludu r-rispett tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB);
 3. jistenna li l-Istati Membri jonoraw l-obbligu tagħhom li jirrispettaw dawn il-valuri, peress li dawn jiffurmaw il-bażi għall-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, u b'mod partikolari bejn iċ-ċittadini u l-livelli kollha ta' gvern;
 4. bl-istess mod, jinnota li l-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll il-Kunsill tal-Ewropa, f'diversi stadji kkonfermaw li l-istat tad-dritt jeħtieġ konformità tal-anqas mal-prinċipji li ġejjin: il-legalità, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, is-separazzjoni tas-setgħat, proċess demokratiku u pluralist għall-implimentazzjoni tal-liġijiet, ċertezza legali, projbizzjoni ta' atti arbitrari mis-setgħat eżekuttivi, qrati indipendenti u imparzjali, reviżjoni ġudizzjarja effettiva, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-libertà tal-espressjoni, u l-libertà tal-għaqda;
 5. jirrimarka, madankollu, li l-istrumenti eżistenti ma kinux biżżejjed biex jiżguraw li dawn il-prinċipji jiġu applikati bis-sħiħ u infurzati;
 6. jenfasizza, għalhekk, li l-mod li bih iċ-ċittadini jesperjenzaw l-istat tad-dritt fil-livell lokali u reġjonali huwa importanti daqs l-esperjenza tagħhom ta' dan fil-livell nazzjonali u Ewropew;
 7. jirrimarka li hemm kważi mitt elf awtorità sottonazzjonali fl-UE, li jgħorru ħafna mir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fil-kuntatti tagħhom maċ-ċittadini, fid-diversità kollha tagħhom;
 8. iqis li r-riskji huma ogħla minn qatt qabel fir-rigward tal-UE tattlezza ruħha b'mekkaniżmu effikaċi ta' stat tad-dritt: fil-kuntest ta' ambjent dejjem jinbidel tas-sigurtà għall-Ewropa u l-ħruġ mill-UE ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha, jeħtieġ li l-UE ssir aktar koeżiva, fid-dawl tal-fehim li s-solidarjetà Ewropea mhux proċess f'direzzjoni waħda. L-Istati Membri kollha tal-UE u l-livelli kollha tal-gvern għandhom jonoraw l-obbligi reċiproċi tagħhom u jiddefendu l-proġett Ewropew, bħala entità bbażata fuq il-valur, kontra moviment pan-Ewropew li qiegħed jikber u li jpoġġi f'dubju l-valuri fundamentali tal-Ewropa;
 9. jenfasizza li sabiex jitħarsu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u NGOs attivi, indipendenti u pluralistiċi hija essenzjali fil-proċessi demokratiċi u fis-sorveljanza tal-funzjonament adatt tal-verifiki u l-bilanċi dwar l-istituzzjonijiet u s-setgħat tal-istat;

10. jenfasizza li, filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet tal-istat tad-dritt ibbażati fuq il-Qafas tal-2014 għadhom fis-seħħ, s'issa l-Qafas ma wassalx għal riżultati tanġibbli. Huwa partikolarment ta' dispjaċir li l-Qafas għall-Istat tad-Dritt jipprovdi gwida għal "djalogu kostruttiv" bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, iżda ma jinvolvi, fl-iktar stadju bikri possibbli, il-livelli differenti ta' governanza, inklużi l-livelli lokali u reġjonali, kif ukoll is-soċjetà ċivili. Dan huwa aktar u aktar ta' dispjaċir peress li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom dejjem jagħmluha ċara li meta jkunu għandhom għaddejji il-proċedimenti mal-gvern ta' Stat Membru partikolari, huma ma jkollhomx il-ħsieb li jiżolaw pajjiż u xorta jibqgħu lesti li jżommu l-kuntatti mas-soċjetà ta' dak il-pajjiż;

11. japprova għalhekk ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabiliment ta' mekkaniżmu uniku tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li jinkorpora l-istrumenti eżistenti, u jappella biex dak il-mekkaniżmu jkun applikabbli fil-livelli kollha ta' gvern;

12. jenfasizza li mekkaniżmu bħal dan għandu jkun oġġettiv, ibbażat fuq l-evidenza u l-fatti, l-evalwazzjoni ġusta, u l-prinċipju ta' trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, u jkun konsistenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

13. jistenna li, minn naħa, il-mekkaniżmu jinvolvi bis-sħiħ lill-gvern lokali fid-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u min-naħa l-oħra, jagħtihom l-opportunità li jirrikorru direttament għand il-Kummissjoni jekk jidentifikaw theddid għall-istat tad-dritt;

14. jindika li l-obbligi li jaqgħu fuq il-pajjiżi kandidati taħt il-kriterji ta' Kopenhagen ikomplu japplikaw għall-Istati Membri wara li jaderixxu mal-UE bis-saħħa tal-Artiklu 2 tat-TUE, u li, fid-dawl ta' dan, il-livelli kollha ta' gvern fl-Istati Membri kollha għandhom jiġu vvalutati skont il-mekkaniżmu sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri bażiċi tal-UE tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt;

15. jinnota li l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni jdgħajjfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt u jholqu distorsjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiki. Il-mekkaniżmu l-ġdid għandu jipprovdi għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali, waqt li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u l-ostakli li jfixklu l-għieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni fil-livelli kollha tal-gvern. Impenn qawwi min-naħa tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali huwa essenzjali biex jitħeġġeġ it-teħid ta' passi konkreti għall-għieda kontra l-korruzzjoni u biex l-isforzi kontra l-korruzzjoni jsiru sostenibbli u irriversibbli. Il-liġijiet dwar il-korruzzjoni għandhom jiġu applikati l-istess għal kulħadd u jiġu infurzati f'kull livell sabiex tiġi ggarantita l-fiducia li ċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom fis-sistemi legali tal-Istati Membri tal-UE;

16. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li r-rakkomandazzjonijiet tal-istat tad-dritt jistgħu jinkoraġġixxu t-talbiet biex tiġi introdotta l-kundizzjonalità politika. Il-Kumitat tar-Regġuni jopponi bil-qawwa l-idea li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinżammu ostaġġi għall-politiki segwiti mill-gvernijiet nazzjonali, li jista' jwassal għas-sospensjoni tal-finanzjament tal-UE għall-bliet u r-regġuni; madankollu jappoġġja d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehimiet ta' Sħubija, fejn f'każ ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, jiġi sospiż il-finanzjament;

17. jinnota li l-limitazzjoni tal-libertà tal-istampa u l-pluraliżmu, u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni li ġiet iffaċilitata permezz tal-iżvilupp tat-teknoloġiji moderni u l-midja soċjali, tħalli impatt negattiv fuq l-eżerċitar tad-demokrazija fil-livelli kollha tal-gvern. Ir-reviżjoni li għaddeja bħalissa tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi (AVMSD) hija għalhekk importanti ħafna. Kif jenfasizza l-KtR, din għandha tiżgura li:

— l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, kemm mill-awtoritajiet pubbliċi, l-atturi awdjoviżivi u l-partiti politiki, tikkostitwixxi pedament tar-Regolament Ewropew dwar il-Midja Awdjoviza, li kull Stat Membru huwa responsabli li jassigura akkost ta' kollox, u li hija l-ewwel garanzija tad-diversità tal-informazzjoni u ta' suq tal-midja pluralist fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali;

— toħloq trasparenza fis-sjieda tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi;

— tiddefinixxi r-rwol tal-fornituri tal-pjattaforma kemm fid-Direttiva AVMSD kif koll fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku;

— tistabbilixxi linji gwida u rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-fornituri tan-netwerks tal-midja soċjali u pjattaformi pubbliċi oħra biex jiġi limitat it-tixrid ta' informazzjoni falza inaffidabbli minn sorsi mhux verifikati, jew "aħbarijiet foloz" u "alternattiva għall-fatti", peress li dawn joħlqu theddida għall-proċess demokratiku, b'mod partikolari fil-perjodu li jwassal għall-elezzjonijiet;

18. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-President tal-Kunsill Ewropew u lill-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE kif ukoll lill-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Brussell, l-24 ta' Marzu 2017.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA
